Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,471, 18 ta' Lulju, 2025

Taqsima B

A.L. 140 tal-2025

ATT DWAR IL-PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA (KAP. 464)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 51(1)(e) tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, il-Ministru responsabbli għas-saħħa, wara konsultazzjoni ma' u fuq il-parir tal-Kunsill rilevanti, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa il-"Ħames Skeda". Kap. 464.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għas-saħħa jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Jemenda l-Ħames Skeda.

2. Fil-partita A tal-Ħames Skeda għandha tiġi miżjuda din il-partita ġdida li ġejja:

"52. Onkoloġija Medika".